# KUNSILL LOKALI KALKARA
# KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 4.19

Il-Ħamis 25 ta' April 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Paul Bongailas - Kunsillier
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

4.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

*Ma kienx hemm*

4.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

4.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Marzu 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier s-Sur Paul Bongailas

4.3A 1 **Komunikazzjoni mis-Sindku : Punti mis-seduta preċedenti ( Seduta 3.19)**

(Punt 3.4B (10) Mis-seduta preċedenti )Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi ser ikunu qiegħedin jinħarġu t-tenders fil-futur qarib hekk la darba matul dan ix-xahar stess kien ġie ikkonfermat bil-maġġoranza tal-kunsilliera fuq l-emails li għandu jinħatar board tekniku biex ikunu meqjusa bħala evalwaturi tal-istess tenders li ser jinħarġu dan il-għaliex ħadd minnhom m'hu tekniku kif ukoll ġejja l-elezzjoni tal-Kunsill fil-qrib.

Fuq nota oħra s-Seg Eżek qalet ukoll illi din il-kwistjoni ġiet diskussa mad-direttur tad-dipartimet illi ser ikun qed jinħatar board li m'għandu xejn x'jaqsam mal-Kunsill kif ukoll ser tkun qed tipporoċedi biex jiġu ffinalizzati d -dokumenti dan il-għaliex hemm xi kuntratti minnhom diġa' skaduti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi s-Seg Eżek għandha tmexxi bil-proċess neċessarju ma' nies kompetenti hekk kif hi taħseb li hu l-aħjar peress li din hija aktar kwistjoni amministrattiva.

4.3 B - Korrespondenza

1 Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din it-tip ta' attivita' ( attivita' għat-tfal ġo triq partikolari) hekk kif qed jiġi ssuġġerit minn residenta partikolari dan la darba l-istess attivita' tkun koperta bil-permessi kollha neċessarji speċjalment dawk ta' saħħa u sigurta minħabba l-fatt li ser ikunu involuti tfal ta' eta' żgħira kif ukoll l-ispejjeż kollha jridu jkunu koperti minn l-organizzatur stess.

2 Is-Seg Eżek infurmat il-Kunsill illi s-sejħa għal kwotazzjoni biex jinġabar l-iskart riċikklabli kienet għalqet u l-kumpanija Greenpak biss kienet uriet interess. Hija saħqet illi prattikament ser ikun qed jiġi emendat il-kuntratt li għandu l-Kunsill fil-preżent peress illi diġa' hemm arranġamenti ma' din il-kumpanija.

Fuq nota oħra l-kunsilliera qabblu mal-punt ta' hawn fuq u żiedu jgħidu li hemm bżonn jiġu innutati l-punti ta' hawn taħt mal-kuntratt li ser ikun qed jiġi mġedded / emendat:

- Jitbattlu l-iskips li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-kumpanija aktar ta' spiss
- Jinħaslu l-istess skips aktar ta' spiss
- U jekk hu possibli tajjeb li l-istess kumpanija ikollha xi tip ta' 'project manager' / 'foreman' illi jkun qiegħed idur fil-lokal biex isiru 'spot checks' fuq il-kuntrattur li huma ser iqabbdu biex jiġbor l-iskart riċiklabbli.

3 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat u talbet l-approvazzjoni ta' Kunsill biex jibdew jinħarġu l-passaporti għal anzjani b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta hekk kif ġiet imħabbra l-iskema anka fuq il-midja soċjali mill-gvern.

Il Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li jibda jsir dan mill-Kunsill Lokali Kalkara pero' l-kunsilliera qablu wkoll unanimament mal-kumment tas-Sur Viċi Sindku s-Sur Christopher Bruno fejn talab lis-Seg Eżek jekk tistax titlob xi tip ta' għajnuna dwar dan peress li hu konxju illi kull ma jmur l-amministrazzjoni tal-Kunsill qed jiżdidilha x-xogħol u pressjoni ta' deadlines fost ħafna responsabbiltajiet oħra u ma jħossx li hu sewwa illi l-Kunsill jgħid iva għal kollox mingħajr ma' jiftakar fis-Seg Eżek u l-istaff li fil-verita' jrid jaħdem dawn

l-affarijiet.

Is-Seg Eżek kompliet tisħaq illi dan huwa kollu minnu pero xorta huwa fid-dover tal-istaff amministrattiv li jaqdu n-nies tal-lokal bl-aħjar mod possibli u li minn naħa tagħha qed tipprova tiffavorijhom f'affarijiet oħra. Fuq nota oħra hija ser tkun qed tkellem lill-istaff biex jekk huma jridu jistgħu jagħżlu ġranet partikolari fost il-ġimgħa biex isiru dawn il-passaporti u mhux kuljum biex ikollom ċans jippjanaw il-ġimgħa aħjar mingħajr ġenn żejjed.

4 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ippreżentat il-programm tal-festa 2019 minn naħa tal-każin Sagra Familja bħal kull sena fejn dan ġie approvat mill-Kunsill unanimament. L-istess programm ser ikun qed jintbgħat lill-kunsilliera kollha għal informazzjoni tagħhom.

5. Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha titweħħel tabella li t-triq tgħalaq fil-bidu ta' Triq l-Għassieli / Villa tal-Ammiral fuq suġġeriment ta' persuna li toqgħod fl-inħawi peress illi kienu qiegħedin jidħlu karozzi bla indikazzjoni li t-triq ma' tinfidx u jkollom idawru f'post ristrett ħafna.

6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ressqet suġġeriment / ilment mingħand xi residenti li joqgħodu n-naħa ta' Konvoj ta' Santa Marija biex tkun tista' titweħħel mera li turi l-karozzi ġejjin min-naħa ta' Hbit mill-Ajru.

Fl-istess ħin is-Sinjura Sultana flimkien mas-Sur Bruno innutaw ukoll li hemm bżonn mera ġewwa Triq Santu Rokku man-naħa tal-ħolma farm minħabba illi meta jiġu biex joħorġu jew jidħlu bid-dgħajjes is-sewwieqa mhux qed ikollom għajnuna ta' traffiku fil-verita'

Il-kunsill qabel unanimament illi għandhom jitweħħlu iż-żewġ mirja la darba jiġu approvati minn TM bħas-soltu.

7 Is-Seg Eżek spjegat l-ammonti konsiderevoli li qed jintefqu mill-Kunsill għal affini ta' uffiċjali ta' enfurzar fil-lokal. Hija saħħqet illi kien wasal iż-żmien illi l-iskeda ta' meta dawn l-uffiċjali qed ikunu fil-lokal tal-Kalkara għandha tiġi ridotta minħabba raġunijiet finanzjarji dan la darba l-maġġoranza tan-nies qed jikkoperaw mal-liġijiet il-ġodda li ħarġu fit-2018 rigward l-iskeda ta' ġbir tal-iskart il-ġdida. Hija qalet ukoll illi l-uffiċjali stess kienu qiegħedin jgħaddu informazzjoni fejn ma kienux qed joħorġu multi partikolari dan il-għaliex ħafna

minn nies draw is-sistemi ġodda kif ukoll lilom iduru fil-lokal.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-parir tas-Seg Eżek illi s-servizz għadu jiġi imnaqqas u mibdul għal ġranet tas-Sajf fejn il-maġġoranza tal-kontravenzjonijiet ikunu lejn il-Bajja ta' Rnella kif ukoll ix-Xatt tal-Kalkara.

8 Is-Seg Eżek emfasizzat il-fatt illi dawn l-aħħar xahrejn li ġejjin il-Kunsill irid jiftakar li għandu jħalli biss diskussjonijiet ta' materja zghira u mhux diskussjonijiet li trid tittieħed xi deċiżjonijiet li tista' tħalli riperkussjonijiet fuq il-Kunsill il-ġdid li ser ikun qed jingħata f'Ġunju 2019. Hija qalet ukoll illi din il-materja ġiet spjegata lilom f'dokument formali li hija stess bagħtet b'email aktar kmieni dan ix-xahar. Is-seduti li ser ikunu qiegħedin jiġu skedati fix-xhur ta' Mejju u Ġunju 2019 iridu jkunu dawk sempliċi u biex jiġi approvati pagamenti tal-istess Kunsill.

Is-Seg Eżek qalet illi tajjeb illi fl-aħħar seduta tal-Kunsill preżenti għandom ikunu hemm il-kanditati eletti ġodda bħala osservaturi biex jieħdu idea ta' dak li jkun qiegħed isir waqt seduta formali. Huma għandhom dritt ikunu preżenti anka kieku m'humiex kanditati eletti peress li s-seduti huma aperti għal pubbliku hekk kif tgħid il-liġi. Il-preżenza tagħhom ser tkun waħda ta' benefiċċju għalihom stess.

9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop flimkien mas-Seg Eżek spjegaw sitwazzjoni diffiċli fuq impjegata mislufa mill-kumpanija ETC fi ħdan il-Kunsill Lokali li ġrat aktar kmieni f'dan ix-xahar is-Seg Eżek spjegat illi hi ma' tħossiex li għandha titkellem ċar fuq din il-persuna minħabba illi l-problemi li għandha huma problemi personali kif ukoll ħabba raġunijiet professjonali u liġijiet tal-GDPR. Hija spjegat il-kunsill illi wara l-każ li ġara ħasset il-bżonn li tikteb id-direttur tagħha biex ikun jaf bis-sitwazzjoni kif ukoll għaliex hi tħoss illi ma' tistax titgħabba b'responsabbilta' bħal din. Fuq nota oħra hija għamlita ċara li m'hemm l-ebda ħsieb illi trid il-dan / din l-impjegat jitkeċċa pero' talbet għal żieda ta' persuna biex meta hi ma tkunx fi stat li tattendi għax-xogħol, l-affarijiet skedati fl-iskeda tax-xogħol tagħha ma' jaqawx lura u l-uffiċċju ma jbgħatix konsegwenzi ta' kwalunkwe ġeneru.

Is-Seg Eżek kompliet tgħid illi fil-fehma tagħha avolja hi m'hijiex fil-qasam mediku din il-persuna għandha bżonn għajnuna professjonali fil-qasam mediku.

10 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill biex il-Kunsill Lokali Kalkara ikun parti mill-Malta Pride Initiative billi jiżboħ il-bankijiet ta' Ġnien is-Salvatur bil-kuluri tradizzjonali tal-Malta Pride.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn il-bankijiet imsemmija mis-Sindku għandom jiġu miżbugħin b'dawn il-kuluri kif ukoll jinġieb permess biex tinżebaħ bl-istess kuluri iż-zebra crossing ġewwa Triq Marina b'hekk il-Kunsill ikun parti minn din l-inizjattiva' li ser tiġi ċċelebrata bejn is-6 u l-15 ta' Settembru 2019.

11 Is-Sinjura Sindku Speranza infurmat il-Kunsill dwar ħarġiet kulturali li hi ser tkun qed tagħmel fix-xahar ta' Ġunju 2019 fl-okkażżjoni ta' Jum il-Missier kif ukoll żjarat fid-djar u fil-homes privati.

Is-Sinjura Sultana innutat illi tajjeb li wieħed jiċċekja daqsxejn dawn il-ħarġiet / attivitajiet jistawx isiru fix-xahar ta' Ġunju minħabba l-fatt illi ġejja elezzjoni tal-istess Kunsill biex b'hekk kulħadd jimxi mal-liġijiet u l-protocol tal-Kunsill.

Is-Seg Eżek ġiet mitluba tiċċekja mad-dipartiment tal-kunsilli rigward din il-kwistjoni qabel ma' jiġu skedati l-attivitajiet / ħruġ mill-kunsilliera.

C Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar il-launching tal-ktieb preparat mir-Reġjun Xlokk li ser isir fl-10 ta' Mejju 2019 filgħaxija ġewwa l-universita' ta' Bormla fejn qed jiġi mistieden il-Kunsill kollhu għal din iċ-ċerimonja. Is-Sindku spjegat ukoll illi hi kienet ħadet ħsieb tikkordina mal-Kav. Charles Vella Kalkariż biex jaqra poeżija / biċċa proża fuq il-lokal tal-Kalkara waqt din iċ-ċerimonja hekk kif ġiet mitluba tagħmel mir-Regjun Xlokk stess.

D Is-Sinjura Sindku tkellmet rigward l-isponsors kollha li rnexxiela tgħaqqad biex isir is-seabin hekk kif kienet diġa' infurmat il-Kunsill waqt seduta formali. Hija qalet illi wasslet fil-proċess finali biex jintbgħatu l-flus kollha li ġabret lill-NGO li qed tieħu ħsieb it-tweħħil ta' dawn is-Sea Bins f'Malta bil-kollaborazzjoni sħiħa mal-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara hekk kif diġa' kien ġie deċiż u diskuss mill-Kunsill f'seduta preċedenti.

E Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi kienet qed taħdem biex fil-futur qarib il-Kalkara tkun parti wkoll minn proġett pilota li jinvolvi mezz ta' Transport innovattiv u modern fil-lokal stess speċjalment għal anzjani. Dan il-mezz diġa' ġie introdott fi ftit lokalitajiet oħra diġa' u kien hemm rispons tajjeb ħafna mir-residenti ta' dawn il-lokalitajiet. Dan il-mezz ta' transport iġib l-isem ta' tuk tuk.

F. Is-Sinjura Speranza Chircop talbet il-Kunsill japprova li jitweħħel xi tip ta' railing / barriers għal affini ta' sigurta n-naħa ta' Santa Liberata dan wara li n-

nies stess li joqgħodu fl-akkwata qiegħedin jilmentaw illi l-karozzi qed jgħaddu viċin ħafna l-bankina ta' quddiem ir-residenzi tagħhom biex jiskivaw 'traffic calmer' fiż-żona.

Is-Sur Vince Bongailas qal illi dan l-ilment kien diġa' ingħatat minn naħa tas-Seg Eżek lill-awtorita' kkonċernata wara li hu kien ġab l-istess ilment fis-seduta preċedenti.

Il-Kunsill qabel illi t-TM għandha tara u tapprova dak li hu l-aħjar li jsir f'din iż-żona abbażi ta' dak li qiegħed jaqla' l-inkonvenjent u l-periklu lir-residenti.

## 4.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

A Il-Kunsilliera - Is-Sinjura Maria Sultana

1 Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg Eżek tieħu ħsieb tkellem il-kuntrattur biex il-bins tal-klieb li hawn fil-lokal jiġu imbattla' u mnaddfa aktar ta' spiss.

4.4B Il-Kunsillier – Is-Sur Paul Bongailas

1 Is-Sur Paul Bongailas saħaq u staqsa li hemm bżonn li l-Kunsill jgħarraf iġib risposta illum qabel għada rigward is-sitwazzjoni tal-berġa dan wara li intbgħatu xi emails minn naħa tas-Sindku li sal-preżent għadu ħadd ma tagħha risposta konkreta x'kienet id-deċiżjoni rigward din is-sitwazzjoni li ilha sejra snin twal. Tajjeb li jerġa' jsir pressjoni biex forsi xi darba l-Kunsill ikollu viżjoni ta' kif wieħed ser isolvi problema bħal dik.

2 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg tieħu ħsieb tilmenta meta jkun hemm bżonn mal-kuntrattur l-iskip il-ħadra dejjem imfawra fi Triq Marina kif ukoll jitmexxew l-ibins li tpoġġew fil-bandli u mhux fil-ġenb kif kienu dejjem impoġġijin l-antiki.

Is-Seg Eżek qalet illi hi ser tieħu nota u tiċċekja fuq iż-żewġ kwistjonijiet pero xtaqet tfakkar il-Kunsill illi n-nies li kienu jagħmlu użu mill-iskip li kien hemm in-naħa tar-regatta issa qiegħedin jitfaw il-boroż tagħhom ġo dik imsemmija

mis-Sur Pawlu Bongailas f'dan il-punt wara li l-Kunsill iddeċieda li jneħħija allura bilfors qed tkun dejjem mimlija u imfawwra. Hija saħħqet illi l-iskips jitbgħattlu bi ġranet konkreti.

3 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg tibgħat lill-awtoritajiet ikkonċernati biex jitnaddaf in-naħa ta' barra tal-mina tal-Kalkara kif ukoll titweħħel tabella fejn turi li hemmhekk hija d-daħla tal-Kalkara dan wara illi ġie ikkonfermat dan aktar kmieni x-xahar li għadda formalment.

4 Is-Sur Bongailas talab lis-Seg Eżek tispjega tweħħil ta' tabella 'one way' aktar kmieni f'din il-ġurnata stess in-naħa ta' Triq il-Missjoni Taljana.

Is-Seg Eżek qalet illi dak kien sempliċiment żball ġenwin tal-ħaddiema u li l-istess tabella inqgħalet wara siegħa li tweħħlet fiż-żona. L-istess tabella riedet titweħħal f'żona oħra li għal xi raġuni jew oħra kien hemm misunderstanding.

4.4C Il-Kunsillier – Is-Sinjur Vince Bongailas

1 Is-Sur Bongailas xtaq jistieden il-Kunsill kollhu għal żewġ attivitajiet li ser ikun involut hu fihom li ser isiru fix-xahar ta' April u Mejju 2019:

- Car wash organizzata minn naħa tal-Club tar-Regatta
- Logħob ta' football ġewwa l-ground tal-Kalkara. Huwa qal ukoll illi kien ħadem biex iġib sponsors għat-Tshirts li ser ikunu qed jintużaw matul din l-attivita'.

## 4.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

4.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 4.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 4.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 4.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

4.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Hamis 16 ta' Mejju 2019 fil 4:00 p.m. u spiċċat fill-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 25 ta' April 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |